

Brussell, 26 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13154/25

LIMITE

POLCOM 262
WTO 79

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Dikjarazzjoni ministerjali konġunta tal-UE u tal-partijiet fil-Ftehim Komprensiv u Progressiv għas-Sħubija Trans-Paċifika (CPTPP) - Awtorizzazzjoni biex jiġi nneozjat strument mhux vinkolanti

1. Id-dikjarazzjoni ministerjali tas-CPTPP tas-16 ta' Mejju 2025 esprimiet l-intenzjoni tal-partijiet fis-CPTPP li jaħdmu favur djalogu dwar il-kummerċ u l-investiment mal-UE. Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin (Kummerċ) tal-14 ta' Lulju 2025, il-Kummissarju Šefčovič ikkonferma l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taħdem favur dan id-djalogu.
2. Fit-22 ta' Settembru 2025, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) ġie infurmat mill-Kummissjoni, fnota, bl-intenzjoni tagħha li tiftaħ negozjati mal-partijiet fis-CPTPP dwar strument mhux vinkolanti fl-għamla ta' dikjarazzjoni ministerjali konġunta. Din id-dikjarazzjoni għandha b'mod partikolari tafferma mill-ġdid l-impenn tal-partijiet għall-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli u tistabbilixxi aġenda għall-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' kummerċ u investiment. Tista' tinħareġ fl-20 jew fil-21 ta' Novembru 2025.

3. Fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) fil-25 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni tat informazzjoni addizzjonali lid-delegazzjonijiet. L-ebda delegazzjoni ma opponiet l-intenzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq.
4. Huwa mistenni li l-Kummissjoni tinforma lill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) regolarment dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati.
5. Huwa mifhum li l-Kummissjoni, fi tmiem in-negozjati, ser terġa' lura biex f'konformità mad-dritt tal-Unjoni tikseb awtorizzazzjoni mill-Kunsill għall-approvazzjoni, fisem l-Unjoni, ta' strument mhux vinkolanti fl-għamla ta' dikjarazzjoni ministerjali konġunta li għandha tirriżulta min-negozjati.
6. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu li l-Kummissjoni tinneogzja, fisem l-Unjoni, dikjarazzjoni ministerjali konġunta mal-partijiet fis-CPTPP; u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss, jawtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja, fisem l-Unjoni, din id-dikjarazzjoni ministerjali konġunta.